MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 170/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Stafrace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Stafrace talli f'dawn l-ahhar erba' snin sa Frar 2005, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta jew marbut b'kuntratt iehor, naqas li jaghti l-manteniment jew parti mill-istess manteniment dovut lil Nathalie Stafrace ghaliha u/jew ghall-wild minuri taghhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmel Stafrace hati

ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkunndannatu ghal terminu ta' detenzjoni ghal zmien gimaghtejn;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmel Stafrace pprezentat fl-10 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li filwaqt li ssibu hati skond l-ammissjoni tieghu, tirriduci l-perijodu tal-piena karcerarja u dan salv rimedji ohra li din il-Qorti tista' talvolta tapplika skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-appellant ammetta l-imputazzjoni *in limine intus*; (2) prezentament jghix fid-dar ta' missieru li huwa ta' eta` avvanzata u ghandu bzonn l-attenzjoni kostanti tieghu; (3) minkejja li hub la xoghol offra manteniment ghat-tifel fl-ammont ta' Lm5 izda martu ma accettatx; (4) kien biss wara erba' snin li martu ghazlet li tipprocedi; (5) ghandu kondotta bazikament nadifa.

Fil-mori ta' dan l-appell pero` l-appellant u l-mara tieghu ghamlu kuntratt fit-2 ta' Mejju 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler li permezz tieghu rregolaw il-posizzjoni taghhom dwar il-manteniment u ziedu s-segwenti klawzola mal-kuntratt ta' separazzjoni pewrsonali li kienu ghamlu fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella fis-17 ta' Awissu 2000, liema klawzola giet enumerata bhala numru 18:

*"18. Il-komparenti mara Nathalie Stafrace qeghda tirrinunzja ghal kull dritt li ghandha jew li jista' jkollha fil-konfront ta' manteniment li kien dovut lilha u li kellu jithallas lilha qabel illum (arretrati) mill-imsemmi komparenti ragel Carmel Stafrace u dan skond l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella tas-17 ta' Awissu 2000 bil-kundizzjoni illi l-komparenti ragel Carmel Stafrace, jibqa' jhallas*

*regolarment il-manteniment kif hawnhekk stipulat. Mat-terminazzjoni tal-obbligu tal-hlas tal-manteniment skond il-ligi u kif hawnhekk stipulat, il-komparenti mara Nathalie Stafrace tkun definittivament irrinunzjat ghad-dritt tal-hlas tal-arretrati imsemmija, mill-komparenti ragel Carmel Stafrace."*

Naturalment dan ma jfissirx illi r-reat gie estint izda kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahrejn detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) li, jekk ma tithallasx skond il-ligi, tigi konvertita f'detenzjoni ta' hamest ijiem skond l-artikolu 13(2) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------